MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Numru 157/2021LM

**Malta Boatmen & Mooring Services Co-Op Limited**
**(Numru ta' Reġistrazzjoni 110)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], minn lodo arbitrali mogħti fis-17 ta' Novembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], mill-Arbitru l-Avukat Joseph A. Schembri [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fiċ-Ċentru Malti għall-

Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘iċ-Ċentru’] fl-atti tal-Arbitraġġ numru 5730/2019, fejn ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tagħha, u laqa’ it-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti **Malta Boatmen & Mooring Services Co-Operative Ltd (numru ta’ reġistrazzjoni 110)** [minn issa ’l quddiem ‘il-Koperattiva appellata’] u ddikjara li:

> *“...l-Awtorità intimata kisret id-dmirijiet u l-obbligazjonijiet tagħha naxxenti mill-kuntratt esistenti u viġenti bejn il-partijiet meta awtorizzat jew ippermettiet lil terzi jesegwixxu xogħol ta’ irmiġġ fuq il-bastimenti* “St John Paull II” *u* “Jean de la Vallette”, *kuntrarjament għal dak li kien stipulat fil-ftehim tal-01 ta’ Novembru 2012 konkordat bejn il-kontendenti, [1] jillikwida id-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti fis-somma ta’ Euro 735,508.70, [3] jordna lill-Awtorità intimata tħallas l-istess ammont hekk likwidat lis-soċjetà rikorrenti u dan bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 2415/2019 u ċioé mill-26 ta’ Ġunju 2019 sal-ġurnata tal-effettiv pagament.*
>
> *L-ispejjes kollha konnessi ma’ dawn il-proċeduri, skont it-taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta, li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument Ittra X, jitħallsu ukoll mill-istess Awtorità intimata”*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw ftehim li sar bejn il-partijiet fl-1 ta’ Novembru, 2012, fir-rigward ta’ servizzi ta’ irmiġġ li kellhom jingħataw lill-Awtorità appellanta mill-Koperattiva appellata skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemm miftehma *ai termini* tal-A.L. 253 tal-2012. Ġara li l-Awtorità appellanta ppermettiet lil terzi sabiex f’diversi okkażjonijiet jeżegwixxu l-imsemmija servizzi ta’ irmiġġ fuq il-bastiment ‘St. John Paul II’ u ‘Jean de la Vallette’ mill-moll magħruf bħala ‘Deep Water Quay 5’, u dan tinsisti l-Koperattiva appellata bi ksur tal-ftehim ta’ bejniethom.

**Mertu**

3. Il-Koperattiva appellata għalhekk istitwiet proċeduri ta' arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fil-31 ta' Lulju, 2019, fejn talbet is-segwenti:

*"1. Dikjarazzjoni illi l-Awtorità intimata kisret id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet tagħha versu l-Koperattiva rikorrenti meta awtorizzat jew ippermettiet lil terzi jeżegwixxu xogħol ta' rmiġġ fuq il-bastiment "St John Paul II" f'diversi okkażjonijiet fuq il-lwog magħruf bħala "Deep Water Quay 5", u b'hekk ikkaġunat danni lill-Koperattiva rikorrenti;*

*2. Il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni subiti mill-Koperattiva rikorrenti.*

*3. Il-ħlas tal-imgħax fuq id-danni kif likwidati, u kif ukoll tal-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2415/2019, kontra l-Awtorità intimata".*

4. L-Awtorità appellanta wieġbet permezz ta' Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fis-6 ta' Settembru, 2019, fejn irrespinġiet bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-Koperattiva appellata.

**Il-lodo arbitrali**

5. L-Arbitru għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

***"LODO***

***KONKLUŻJONIJIET***

*Illi qabel ma jidħol fil-mertu tal-vertenza, l-Arbitru jħoss li għandu jirringrazzja lill-partijiet u lill-avukati tagħhom għal mod kif mexxew dawn il-proċeduri billi kienu leali lejn xulxin, kienu leali mal-Arbitru, żammew kull seduta li ġiet iffissata, ressqu il-provi miftehma u għandu jiġi puntwalizzat illi l-istess proċeduri damu ftit aktar milli kien*

*previst in vista tal-ondata tal-pandemija li ħakkmet lid-dinja u li dwarha, ċertament, ħadd ma kellu xi kontroll.*

*Illi jidher li hu paċfiku bejn il-partijiet illi il-bażi tal-azzjoni tar-rikorrenti huwa il-ftehim tal-01 ta' Novembru 2012. Illi dan tant huwa hekk illi, kif tajjeb issottomettiet is-soċjetà rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-Awtorità intimata għażlet li tiddefendi dawn il-proċeduri mingħajr ma issollevat ebda eċċezzjoni dwar il-forum kompetenti billi l-istess forum kien ġie magħżul bejniethom ai termini tal-klawżola 13 tal-imsemmi ftehim. Kieku ma kienx hekk il-forum kompetenti kien ikun il-Qorti tal-Ġustizzja Maltija.*

*Il-Ko-operattiva rikorrenti, apparte li ressqet il-provi orali tagħha esebiet id-dokument, li ġie markat "A" li huwa il-**MOORING SERVICES AGREEMENT** li ġie iffirmat bejn il-partijiet kontendenti. Huwa dan il-ftehim li jorbot lill-partijiet u kwindi dan huwa il-"liġi" ta' bejniethom.*

*Illi dan il-ftehim iġib id-data tal-01 ta' Novembru 2012 u skont il-klawsola [2] tiegħu għandu validità ta' għaxar (10) snin u kwindi jiskadi fis-sena 2022. Għalhekk kien viġenti kemm meta inqalgħet il-vertenza li tat lok għal dawn il-proċeduri, kemm meta ġew istitwiti dawn il-proċeduri u, in realtà, għadu viġenti sal-ġurnata tallum.*

*Illi għandu jkun ovvju illi kwalsiasi ħaġa li setgħet ġrat qabel ma ġie in vigore dan il-ftehim la għandu, la seta' jkollu u lanqas jista' jkollu xi effett fuq ir-relazzjonijiet, obbligi u drittijiet ta' bejn il-partijiet. Ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet twieldu biss mal-iffirmar tal-ftehim tal-01 ta' Novembru 2012 u mhux qabel. L-istess relazzjonijiet kontrattwali jintemmu mal-għeluq tal-ftehim, li huwa validu għal għaxar snin, jew jekk jiġi terminat qabel bi ftehim jew ġudizzjarjament.*

*Illi ai termini tal-imsemmi ftehim, il-partijiet qablu illi l-istess ftehim għandu jirrigwarda biss il-"*mooring services at the terminals, areas, quays, wharves and berths as required in the Regulations and as established in Annex 1 of this Agreement".

*Mela allura isegwi illi l-partijiet kontraenti għoġobhom illi jissottoskrivu dan il-ftehim billi jiċċirkoskrivuh, apparte miż-żmien billi huwa validu għal għaxar snin b'effett mid-data tiegħu, anke fil-lok fejn għandu jiġi provdut is-servizz mis-"*service provider.*" Dan l-Annex 1 jiddettalja liema huma l-"*areas, quays, wharves and berths*" fejn is-service provider kien tenut li għandu jagħti is-servizzi tiegħu.*

*Illi jidher li huwa ukoll pacifiku bejn il-partijiet illi il-"*Deep Water Quay 5", *fejn jormeġġjaw iż-żewġ vapuri in kwistjoni, u ċioé "*Saint John Paul II*" u "*Jean Paul de la Vallette*" jaqa' fil-parametri ta' Annex 1.*

*Ai termini tal-klawsola 12 tal-istess ftehim, il-partijiet ftehmu ukoll illi is-soċjetà rikorrenti (service provider) "*shall be exempt from carrying out their obligations under this Agreement in case of force majeure*".*

*Il-partijiet ma ftehmux biss illi ma jibqgħux marbuta bl-effetti tal-ftehim ta' bejniethom biss f'każ ta' forza maġġuri iżda huma għażlu li jiddefinixxu, kemm jista' jkun, x'jikkostitwixxi "*force majeure*".*

*Hija il-fehma tal-Arbitru illi sewwa għamlu il-partijiet li iddefinew, bl-aħjar mod possibbli u kemm hu umanament possibbli, x'riedu jifhmu bil-kliem "*force majeure*" għax, b'hekk, naqqsu sostanzjalment il-possibilità li tingħata interpretazzjoni soġġettiva. Iżda jibqa' fatt illi id-definizzjoni ta'* force majeure*, kif kontenuta fil-kuntratt, mhijiex assoluta jew definittiva iżda hija esemplifikattiva. Il-frażi* "but not limited to", *miktuba fl-istess ftehim, hija biżżejjed biex tissostanzja u tassoda din l-opinjoni.*

*Il-partijiet qalu, fid-definizzjoni tagħha, illi* force majeure "shall mean any circumstances beyond the control of any of the parties hereto, including but not limited to……………amendment of laws or other legal acts of public authorities, government action……………………..".

*Mela il-partijiet għażlu li jassoġġettaw il-ftehim ta' bejniethom u qablu li ma jibqax ikollu validità, fl-intier tiegħu jew f'partijiet minnu, skont il-każ, fl-eventwalità illi tiġi promulgata xi liġi li tkun in kontradizzjoni għal dak maqbul bejniethom. Huma ftehmu, li f'din l-eventwalità, huma ma jibqgħux vinkolati b'dak li ftehmu. Qablu li il-prinċipju "*Pacta sunt servanda*" ikun anqas rigorosament applikat billi, għalihom, il-liġi sopravenjenti tissupera dak li qablu dwaru il-partijiet fil-ftehim ta' bejniethom.*

*Il-partijiet ressqu, kif già intqal, provi orali kif ukoll dokumentali, fosthom il-kopja tal-email – Dokument M1 – mibgħut mill-Awtorità intimata lis-soċjetà rikorrenti fil-18 ta' April 2019, li permezz tagħha is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata illi ai termini tal-SL 499.26 il-vapur* ST JOHN PAUL II *huwa* excepted ship.

*Illi ġiet esebita ukoll kopja tal-Subsidiary Legislation 499.03 (li ġiet markata bħala dokument LS1).*

*Ġew esebiti żewġ* brochures *tas-soċjetà Virtù Ferries – markati VF1 u VF2.*

*Ġew esebiti kopji tat-*Transcript of Register *taż-żewġ bastimenti u ċioé ta' "*Jean de la Vallette*" u ta' "*St John Paul II" *– markati rispettivament JP1 u JP2, kif ukoll l-iskeda tas-sajf għas-sena 2019 – markata MM2.*

*In sostenn għall-ammont tad-danni subiti mis-soċjetà rikorrenti, l-istess rappreżentant tagħha, meta xehed f'dawn il-proċeduri, esebixxa ukoll id-dokumenti, li ġew markati JF2 u JF3.*

*Kwindi hija il-fehma tal-Arbitru illi l-ewwel u qabel kollox irid jiġi deċiż jekk il-vapuri in kwistjoni humiex jew le "*excepted vessels*" fit-termini tal-leġislazzjoni sussidjarja riferuta. Dan qed jingħad fid-dawl tal-konsegwenza legali possibbli, iżda mhux neċessarjament assoluta, illi f'każ illi il-vapuri imsemmija huma* "excepted ships" *allura, il-ftehim in kwistjoni ma japplikax, filwaqt li jekk mhumiex* "excepted ships" *allura il-kuntratt japplika fit-totalità tiegħu.*

*Fil-fatt huwa evidenti illi it-teżi tas-soċjetà rikorrenti hija illi il-ħaddiema tagħha jagħtu is-servizz tagħhom indipendentement mill-fatt jekk il-vapur hux jew le* excepted ship*, fi ftit kliem ikunx mgħejjun minn bdot jew le; filwaqt li t-tezi tal-intimata hija illi il-ħaddiema tas-soċjetà rikorrenti jistgħu jagħtu is-servizzi tagħhom biss jekk il-vapur ikollu l-assistenza ta' bdot u vapuri li jiġu eżenti* (excepted ship) *ma għandhomx il-ħtieġa tas-servizz tas-soċjetà rikorrenti u jagħmlu użu mis-servizzi tagħha jekk iridu u jistgħu jimpjegaw lil ħaddieħor għall-istess xogħol, fosthom il-baħrin tagħhom infushom.*

*Il-ftehim ta' bejn il-partijiet (Dok "A") jagħmel riferenza għall-Kapitolu 499 tal-liġijiet tagħna u jispeċifika illi is-soċjetà rikorrenti għandha tagħti dawk il-*mooring services *specifikati fil-klawsola 3 tal-imsemmi ftehim, fil-kors tal-validità tal-imsemmi ftehim u ċioé "*efficient and reliable mooring services at the terminals, quays, wharves and berths as required in the Regulations and as established in Annex 1 of this Agreement."

*L-Awtorità intimata mhiex qed tiddefendi dawn il-proċeduri fuq il-bażi, per eżempju, illi is-soċjetà rikorrenti naqset milli tagħti dawn is-servizzi li hija intrabtet li tagħti jew illi tat l-istess servizzi iżda tathom inadegwatament, jew traskuratament. Ma hemm ebda difiża f'dan is-sens.*

*Hemm biss illi hija ma kienetx tenuta li tisserva bis-servizzi tas-soċjetà rikorrenti nonostante il-ftehim fuq imsemmi u dan għar-raġunijiet mogħtija fl-istess difiża.*

*Illi hija il-fehma tal-Arbitru illi l-Awtorità intimata ma kienetx tenuta illi tagħmel użu mis-servizzi tas-soċjetà rikorrenti, ai termini tal-istess ftehim, a rigward ta' kwalsiasi* mooring services *li ma jaqgħux fil-lista stabbilita fl-Annex 1 tal-ftehim. L-esklusività, kontemplata fil-ftehim riferut, kien jirrigwarda biss l-użu tas-servizzi tas-soċjetà rikorrenti fil-portijiet imsemmija fl-imsemmija lista – altrimenti il-partijiet ma kellhom ebda obbligazzjoni reċiproka.*

*Mela biex bastiment ma jisserviex bis-servizzi tas-soċjetà rikorrenti, fil-portijiet li jaqgħu fil-lista imsemmmija, irid ikun hemm liġi espressa li tgħid hekk. Jekk ikun hekk biss, allura, hija l-opinjoni tal-Arbitru illi l-vapur jista' ma jagħmilx użu mis-servizzi tas-soċjetà rikorrenti.*

*F'dan ir-rigward l-Arbitru jagħmel riferenza ampja għal dak li qal Il-Kaptan Fritz Farrugia, li jokkupa il-kariga ta'* deputy chief officer *u* deputy Harbour Master *mal-Awtorità u qabel kien jokkupa il-kariga ta'* deputy Harbour Master *biss.*

*Spjega illi l-mansjoni tiegħu tikkonsisti primarjament f'illi jieħu ħsieb it-traffiku u ċioé il-movimenti fil-portijiet u l-ibħra Maltin.*

*Kompla jixhed illi l-cataramans ta' Virtù Ferries (u ċioé il-catamarans in kwistjoni) jormeġġjaw fid-*Deep Water Quay, *li jaqa' taħt il-mansjoni tal-Ko-operattiva rikorrenti.*

*Imbagħad ippuntwalizza dan li ġej u ċioé xehed hekk: "*Il-high speed crafts huma excepted vessels skont ir-regolament tal-Maritime Pilotage u allura huma eżentati milli jieħdu piloti la darba li jgħaddu minn ċertu proċess u allura ma għandux il-ħtieġa li iqabbad piloti jew il-koperattiva tal-mooring men għas-servizzi ta' mooring.

La darba il-vapur jiġi excepted l-irmiġġ isir mill-baħrin tal-vapur innifsu jew nies imqabbdin minnhom.

Aħna, bħala Awtorità, naċċertaw irwieħna mhux biss billi naraw li il-vapur jaqa' f'ċerta kategorija iżda naraw illi il-kaptan li jkun fuqu jkun kapaċi jagħmel l-irmiġġ mingħajr il-ħtieġa ta' għajnuna."

*Qal ukoll: "*naf li kien hemm domanda minn naħa tal-irmiġġjaturi li riedu li jibqgħu jagħtu is-servizz anke fid-Deep Water Quay imma peress illi il-vapur jaqa' fil-kategorija tal-vapuri li huma excepted - allura eżentati mill-pilotage - fl-opinjoni tagħna is-servizz jista' jingħata mill-baħrin tal-vapur stess".

*Fl-aħħar nett issottolinea dan il-fatt: "*Il-koperattiva tista' tiġi imqabbda mill-vapuri li huma excepted iżda mingħajr obbligu da parte tal-operatur, per eżempju Flagstone Wharf meta jidħol bunker barge ta' Falzon, peress illi huma excepted vessels, i.e. mingħajr pilota abbord, huma iqabbdu in-nies ta' Falzon stess biex jagħtu is-servizz. Fuq l-istess moll bunker, barge ta' kumpannija oħra li għandha vapuri xorta waħda excepted għażlu li jqabbdu is-servizz tal-Koperattiva. Hija għażla tagħhom x'jagħmlu."

*Huwa ukoll u similment ħafna ta' rilevanza dak li qal Joseph Farrugia meta xehed fis-seduta tal-04 ta' Novembru 2019 fejn spjega illi huma, ossija l-irmiġġjaturi jagħtu servizz lill-vapuri li ma għandhomx bżonn ta' bdoti. Infatti fil-kors tad-depożizzjoni tiegħu esebixxa dokument, li ġie markat JF3, li minnu irriżulta samples ta' vapuri li*

*ingħataw servizz mill-irmiġġjaturi u li ma jieħdux bdot billi huma eżentati. Żied jgħid, mhux kontraddett hekk:* *"*aħna immorru xorta u nagħtu is-servizz u nitħallsu tiegħu."

*Imbagħad in kontro-eżami kompla jgħid: "*il-vapuri imniżżla fid-dokument JF3 huma eżentati minn servizz obbligatorju ta' pilotagg però xorta użaw is-servizzi tagħna ta' irmiġġ. Fl-aħħar mill-aħħar aħna nirċevu pagament mingħand l-Awtorità li min-naħa tagħha tkun ġabret l-istess ammont mingħand il-proprietarji tal-vapuri konċernati."

*Jidher għalhekk illi il-fatt jintużax bdot għas-servizz ta' irmiġġ tal-vapur mhux ta' ebda importanza għall-finijiet jekk vapur għandux juża ukoll is-servizzi tal-irmiġġjaturi. Il-wieħed ma jiddependiex mill-ieħor.*

*Vapur jiġi dikjarat bħala "*exempted ship*" mill-Awtorità. Jekk, b'riżultat ta' tali definizzjoni* (exempted ship) *vapur ma għandux bżonn il-ħtieġa li jagħmel użu minn bdot, dik hija affari tal-Awtorità, però jekk dan ikun ifisser ukoll illi allura lanqas ma għandu bżonn l-għajnuna tal-irmiġġjaturi, dan jkun ifisser illi il-ftehim ta' bejn il-partijiet jista' jiġi stultifikat minn wieħed mill-firmatarji tiegħu stess. Alla ħares kellu jiġi aċċettat li dan jista' jsir.*

*Kuntratt jiġi iffirmat in buona fede u biex ir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet ikunu ċari kemm jista' jkun umanament u biex ikunu regolati. Ebda waħda mill-partijiet ma tista' tinjora dak stipulat u maqbul bejn il-partijiet. Alla ħares kellna naslu fl-assurdità illi kuntratt iffirmat bejn żewġ minn nies jew iżjed jista' jiġi stultifikat minn wieħed mill-firmatarji tiegħu stess. Dan imur kontra is-saltna tad-dritt. Dan imur kontra kull prinċipju tad-demokrazija. Dan ikun l-akbar insult għall-intelligenza tal-bniedem. Il-prinċipju* "pacta sunt servanda" *jista' jintrema fil-baħar!*

*Il-ftehim ta' bejn il-partijiet iġib id-data tal-01 ta' Novembru 2012 u l-Avviż Legali 253 tas-sena 2012 ġie promulgat fl-01 ta' Awwissu 2012. Dan ifisser illi il-kuntratt ġie iffirmat* ***WARA*** *id-data tal-Avviż Legali u fid-dawl ta' dak li jistipula l-istess Avviż Legali.*

*Il-ftehim ta' bejn il-partijiet, li kif già ingħad, huwa dak li jirregola ir-relazzjonijiet ta' bejniethom, għajr għal dak li setgħet tgħid xi liġi li ikollha effett fuqu, jistipula fil-kondizzjoni numru 3.7 hekk: "*The service provider shall ensure that the mooring men shall obey all legal and legitimate orders and instructions given to them by a licensed pilot on board the vessel *(mela allura meta mhux excepted vessel)* **<u>and/or</u>** the Master of the ship to which they are providing the mooring services; **<u>and in the absence of both</u>** by any other authorized personnel."

*Illi għalhekk dan ifisser illi is-servizzi li għandha tagħti is-soċjetà rikorrenti għandhom jingħataw kemm meta jingħataw lill-vapur li għandu bdot fuqu kif ukoll, in mankanza*

*tiegħu, li jkollu biss kaptan jew addirittura, in mankanza ta' dan ukoll, meta jkun hemm "*any other authorized personnel.*"*

*Allura u partikolarment meta dan il-kuntratt ġie iffirmat wara il-promulgazzjoni tal-Avviż Legali imsemmi, u fid-dawl tal-fatt illi is-*service agreement *riferut jagħti lis-soċjetà rikorrenti id-dritt "*to exclusively render…efficient and reliable mooring services at the terminals, areas, quays, wharves and berths as required in the Regulations and as established in Annex 1 of this Agreement*", għall-Arbitru sottofirmat, dan jfisser, illi il-partijiet firmatarji tal-ftehim kienu konsapevoli tal-Avviż Legali, riedu li is-servizzi tas-soċjetà rikorrenti jingħataw anke fl-assenza tal-bdot u addirittura anke fl-assenza kemm tal-bdot kif ukoll tal-kaptan. Fi ftit kliem allura ċertament illi l-interpretazzjoni li qed tagħti l-Awtorità intimata, bir-rispett kollu, ma hijiex korretta.*

*Huwa vera illi l-ftehim ta' bejn il-partijiet tal-01 ta' Novembru 2012 jagħmel riferenza ċara għal "Regulations", li, kif hemm imniżżel fl-istess ftehim, "*shall mean the Mooring Services Regulations (L.N. 253 of 2012) as amended from time to time"*, u allura dawn ir-Regolamenti jiffurmaw parti integrali mill-ftehim ta' bejn il-partijiet hawn appena riferut.*

*Illi dawn ir-Regolamenti jgħidu ċar u tond illi jirregolaw "*the mooring services provided at terminals that accommodate ships which are **obliged** to navigate under the direction of a Pilot……." *– vide 1(2) tal-Avviż Legali riferut. Kwindi l-istess Regolamenti mhux applikabbli fejn m'hemmx il-ħtieġa (obliged) li vapuri jinnavigaw taħt id-direzzjoni ta' bdot.*

*Illi skont l-artiklu 3(1) tal-istess Regolamenti "*Mooring services in the terminals……listed in the First Schedule shall ONLY be provided by the service provider……..". *Mela allura isegwi illi is-*service provider*, ossija is-soċjetà rikorrenti, kienet obbligata tagħti is-servizzi tagħha f'dawk it-*terminals *biss elenkati fil-*First Schedule *u kwindi ma kienetx hekk obbligata tagħti dawk is-servizzi f'postijiet ohra.*

*L-istess Regolamenti jagħmluha cara wkoll illi l-Awtorità intimata setgħet tawtorizza "*a terminal operator to provide within the terminal under its control and management, its own mooring services…….". *Dan it-*terminal operator "may choose to enter into a mooring services agreement with the Services Provider……" *– Regolament 21 tal-AL.253/2012. Mela allura dan ifisser ukoll illi il-liġi tiprospetta il-possibilità illi jkun hemm* terminals *li ma jaqgħux fid-definizzjoni ta' Annex 1 tar-Regolamenti u allura ukoll illi, f'dawn il-każijiet, it-*terminal operator *jagħżel li jidħol f'*mooring services agreement *ma' min irid.*

*L-Awtorità intimata tibbaża id-dikjarazzjoni tagħha li iż-żewġ vapuri in kwistjoni huma eċċezzjonalment eżentati* (excepted ships) *fuq l-iskorta ta' dak provdut fil-leġislazzjoni Sussidjarja 499.26.*

*L-Artiklu 4A[2] jiddefinixxi x'inhuma "*excepted ships*". Il-fatt illi dawn iz-żewġ bastimenti ġew dikjarati bħala "excepted ships" lanqas ma jidher li hija kontestata mis-soċjetà rikorrenti. Isegwi għalhekk, għall-Arbitru sottoskritt, illi dawn iz-żewġ vapuri għandhom jiġu ikkonsidrati bħala tali.*

*Illi l-obbligu ta' bastiment li juża irmiġġaturi skont l-Avviż Legali 232/2012 japplika biss jekk dak il-bastiment huwa obbligat li jinnaviga taħt id-direzzjoni ta' bdot.*

*Id-Direttiva 2005/36/EC tiddeskrivi l-attività ta' "*Irmiġġjatur*" hekk: "*Irmiġġjatur jipprovdi servizzi ta' irmiġġ u ħall mill-irmiġġ lill-bastimenti, u dan ifisser l-irbit b'mod sigur ta' bastiment ġewwa terminal jew ma' moll u jinkludi ħall mill-irmiġġ jew bdil fl-irmiġġ ta' bastiment, u jinkludi kull xorta ta' xogħol ieħor li huwa konness ma' dan."

*Ma jkun qed jingħad xejn ġdid meta jingħad illi kuntratti jiġu firmati sabiex jiġu onorati. Min mill-firmatarji ma jonorax il-kuntratt jkun passibbli għad-danni kawżati bl-inadempjenza tiegħu. Dan qed jingħad in omaġġ għall-prinċipju sagramentali illi "*pacta sunt servanda*".*

*L-interpretazzjoni tal-Awtorità intimata illi irmiġġjatur ma jistax jaħdem fejn ma hemmx bdot hija, bir-rispett kollu, fl-opinjoni umili tal-Arbitru, żbaljata. Infatti kif jirriżulta mill-provi imressqa, jidher ċar illi fil-fatt, l-oppost ta' dan ġara u għadu jiġri sallum. Bir-rispett kollu, is-sottomissjoni tal-Awtorità ntimata fis-sens "*dan ifisser li minkejja l-esklussività li ir-rikorrenti għandhom li jesegwixxu servizzi ta' irmiġġ f'Deep Water Quay, din l-esklussività ma tapplikax fir-rigward tal-bastiment Saint John Paul II u l-bastiment Jean de la Valette għaliex dawn huma excepted ships" *hija żbaljata u ma tistax tiġi aċċettata.*

***Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel domanda tar-rikorrenti qed tiġi milqugħa.***

***<u>QUANTUM TAD-DANNI</u>***

*Irid allura jiġi determinat il-quantum ta' dak li huwa dovut lis-soċjetà rikorrenti.*

*Huwa loġiku li, b'dawn il-proċeduri, ma jistax jintalab ebda ammont għal ebda servizz li seta' ingħata mis-soċjetà rikorrenti LI MA JAQGĦUX FIL-PARAMETRI TAL-FTEHIM (Dok "A") la darba dawn il-proċeduri huma ibbażati fuq l-esistenza tal-kuntratt imsemmi. La preċedentement għal dan il-kuntratt ma kienx jesisti kuntratt ieħor ma jistgħux jiskattaw ebda drittijiet u ebda obbliġi.*

*Għal din it-talba tas-soċjetà rikorrenti, hemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni da parte tal-Awtorità intimata ibbazata preliminarjament fuq l-artiklu 2153 u,* in subsidio*, fuq l-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-liġijiet tagħna.*

*Illi bir-rispett kollu l-artiklu 2153 invokat mill-Awtorità intimata mhux applikabbli għall-każ in eżami u dan in vista tal-fatt illi id-danni reklamati mis-soċjetà rikorrenti mhux derivanti minn ħtija akwiljana imma huma riżultat ta' ksur ta' kuntratt (inadempjenza kontrattwali) u kwindi, se mai, l-eċċezzjoni applikabbli hija dik itwal u ċioé ta' ħames snin.*

*M'hemmx dubbju illi il-kontrattazzjoni naxxenti mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet hija operazzjoni kummerċjali.*

*Huwa applikabbli dak sanċit fl-artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-liġijiet tagħna fil-każ in eżami, kif qed tissottometti l-Awtorità intimata?*

*Is-soċjetà rikorrenti tagħmel riferenza għal dak li għallmet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **"Bank of Valletta plc vs David Charles Bajada et**" kawża numru 445/2019, deċiża fil-25 ta' Frar 2021, li minnha ma sar ebda appell.*

*Illi l-artiklu 2156(f) jgħid hekk:*

> L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin:
>
> (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeg oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.

*Illi din l-istess preskrizzjoni, b'riżultat tal-emendi li saru bl-Att 1 tas-sena 2017, l-imsemmi artiklu tal-liġi irid jiġi allaċċat mal-artiklu 2160 tal-istess Kap 16 li jgħid li l-preskrizzjoni imsemmija fl-imsemmi artiklu ma għandux effett jekk l-intimat ma jieħux ġurament **<u>minn jeddu</u>**, waqt il-kawża, li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*Hekk irriteniet il-Qorti fil-kawża hawn fuq ċitata u ma' din l-interpretazzjoni l-Arbitru sottofirmat jaqbel perfettament.*

*Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Bianco vs Camilleri"** deċiża fit-28 ta' Marzu 2019 mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kien ġie ukoll deċiż illi "*bl-emendi li saru bl-Att 1 tas-sena 2017 li ġiet fis-seħħ fil-13 ta' Jannar 2017, is-sitwazzjoni illum hi li ġaladarba eċċepita l-preskrizzjoni partikolari imsemmija fl-artiklu 2160, il-konvenut għandu minn jeddu jgħid bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża li ma jafx li hu debitur. Fi kliem ieħor, il-leġislatur impona fuq il-konvenut innifsu l-obbligu li jieħu l-ġurament, billi

neħħa fuq spallejn l-attur l-obbligu li jagħti huwa stess lill-konvenut il-ġurament deċiżorju, b'dan illi fin-nuqqas li l-konvenut jixhed minn jeddu li mhux debitur, ma jkunx jista' jieħu benefiċċju minn din il-preskrizzjoni qasira."

*Illi l-Awtorità intimata qatt ma ressqet lil ebda rappreżentant tagħha biex jixhed fit-termini stabbiliti fl-artiklu 2160. Meta xehed l-avukat Robert Vassallo, f'isem l-Awtorità, ma stqarrx li l-Awtorità mhiex debitur – qal biss li qed jixhed dwar il-quantum reklamat mis-soċjetà rikorrenti mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet tal-Awtorità.*

*Fil-fehma tal-Arbitru, din id-dikjarazzjoni ma tekwiparax, lanqas lontanament, ma' dak li jesiġi l-artiklu 2160 imsemmi.*

*Mhux biss iżda, dato ma non concesso, illi l-istess eċċezzjoni ta' preskrizzjoni setgħet tiġi akkolta, fattwalment jidher li tali eċċezzjoni mhiex applikabbli għall-każ de quo. L-aġir tal-Awtorità intimata huwa aġir kontinwu u mhux sporadiku u allura fid-dawl ta' dan il-fatt jidher li għandu japplika l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża ċitata mir-rikorrenti u ċioé **"Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri et"** deċiża fil-26 ta' Ġunju 2009 fejn ġie ritenut illi* "meta id-danni ma jiġux determinati f'mument wieħed iżda jibqgħu javveraw ruħhom tul iż-żmien, b'mod li jista' jingħad li l-ħsara qegħdha kontinwament issir, kif jidher li qed jiġri f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni ikun kontinwament qed jiġi interrott, u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru ix-xogħlijiet meħtieġa biex il-ħsara tieqaf tkompli issir."

*Illi bir-raġunament tal-Awtorità intimata, kif sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, dan ikun ifisser illi is-soċjetà rikorrenti messha istitwiet proċeduri għal kull okkażjoni li l-Awtorità intimata kisritilha drittijietha. B'dan il-mod ċertament illi id-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti kienu jkunu salvagwardjati mija fil-mija iżda fl-istess ħin kien ikun hemm numru interminabbli ta' proċeduri u fid-dinja kummerċjali, bejn kummerċjanti serji, kif huma il-partijiet, mhux mistenni illi jsir dan.*

*Illi issir riferenza ukoll għas-sentenzi fil-kawżi "**Winston Montanaro Gauci pro et noe vs Tarcisio Rapa**" deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-28 ta' Frar 2014 u għall-kawża fl-ismijiet "**Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et**" (kawża numru 369/09/1/LM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivli fil-22 ta' Novembru 2018, li ma ġietx appellata u li għalihom għamlet riferenza ukoll is-soċjetà rikorrenti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, fejn l-insenjament tal-Qorti huwa konsimili għal dak hawn fuq espress.*

*Isegwi allura, fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn riferuti, u numru ta' sentenzi oħra fl-istess linja, li magħhom jaqbel pjenament l-Arbitru sottofirmat, illi l-istess eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' u qed tiġi respinta.*

***LIKWIDAZZJONI DANNI.***

*Illi għalhekk jibqa' biss li irid jiġi deċiż x'somma għandha tiġi likwidata favur is-soċjetà rikorrenti.*

*Is-soċjetà rikorrenti qed tippretendi li għandha dritt għall-ħlas ta' danni fl-ammont ta' miljun ħamsa u sittin elf mija seba' u sebgħin Euro (€1,065,177) filwaqt li l-Awtorità intimata, fl-eventwalità li l-ewwel eċċezzjonijiet jiġu miċħuda, qed tissottometti illi l-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti huwa dak ta' seba' mija tmienja u sittin elf disa' mija u hamsa u tmenin Euro (€768,985), skont kif sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Għandu jingħad, għall-eżattezza, illi meta xehed ir-rappreżentant tagħha (Dr Robert Vassallo) huwa ikkonkluda l-affidavit tiegħu b'dan il-mod u ċioé "*jekk, dato ma non concesso, it-talbiet tal-Kooperattiva kellhom jintlaqgħu, d-danni dovuti jammontaw għal Euro 876,012."

*Id-diverġenza bejn il-partijiet mhiex żgħira u wisq anqas irriżorja. Din tammonta għal kważi mitejn elf Ewro, jekk mhux izjed ukoll, skont kif sejjer jiġi deċiż aktar 'l isfel.*

*Meta xehed l-avukat Vassallo, huwa issostanzja l-ammont minnu indikat b'dokumenti preparati minn Raymond Orland u Jonathan Satariano. Huwa stqarr bil-ġurament tiegħu illi dawn il-kalkoli huma ibbażati fuq il-vjaġġi li l-katamarani verament u attwalment effettwaw bejn l-01 ta' Mejju 2011 u id-29 ta' Frar 2020.*

*Illi kif ġià fuq intqal, ma jistgħux jiġu ikkonsidrati bħala formanti parti mid-danni, dawk il-vjaġġi li jirriferixxu għall-perijodu anteċedenti l-iffirmar tal-kuntratt u kwindi l-Arbitru sottofirmat iħoss illi id-danni reklamati, u sia pure aċċettati minn Dr Vassallo, għall-perijodu bejn l-01 ta' Mejju 2011 sal-01 ta' Novembru 2012 ma jistgħux jintlaqgħu għax ma kienx jesisti il-kuntratt li huwa il-pern tal-azzjoni odjerna.*

*Mhux biss. Dr Vassallo kompla jispjega li* "d-danni għandhom jiġu kalkolati fuq il-vjaġġi li l-katamaren verament għamel u allura fuq is-servizzi li l-mooring men kieku kienu jwettqu u mhux fuq l-iskeda." *Hawn ċertament illi ix-xhud għandu raġun. Il-fatt li kien hemm skeda mhux biżżejjed. L-iskeda hija indikażżjoni għall-pubbliku in ġenerali, hija il-ħsieb tad-dirigenti tas-soċjetà rikorrenti, skont kif għandhom jaħdmu il-catamarans in kwistjoni. L-iskeda tista' tiġi onorata daqs kemm tista' tiġi injorata in parte jew in toto. Tista' tiġi injorata kemm volontarjament kif ukoll b'riżultat ta' forza maġġuri jew għal xi raġuni oħra partikolari.*

*Kwindi huwa logiku illi is-soċjetà rikorrenti kien ikollha dritt għall-ħlas għal dawk il-vjaġġi li* ***attwalment*** *twettqu u mhux għal dawk il-vjaġġi li fattwalment ma twettqux – salv dejjem drittijiet tas-soċjetà rikorrenti f'każ ta' tħassir ta' vjaġġi kapriċċjosament, li ma jidhirx li huwa f'ebda wieħed mill-każi fejn ma inżammitx l-iskeda.*

*Fejn il-catamaran ma ħadimx, għal kwalsiasi raġuni, li setgħet kienet, per eżempju, maltemp, jew fejn kien mistenni li jagħmel żewġ vjaġġi iżda għal xi raġuni għamel vjaġġ wieħed, fejn allura tapplika il-klawsola tal-forza maġġuri, ċertament illi il-*mooring men *kien ikollhom dritt għall-ħlas għal dak li* ***attwalment*** *wettqu u mhux għal dak li* ***potenzjalment*** *setgħu iwettqu. Il-kalkoli isiru fuq dak li fattwalment twettaq u mhux fuq dak li seta' potenzjalment jitwettaq.*

*Ikompli jispjega l-istess xhud, fejn ma ġie b'ebda mod kontraddett, illi il-*mooring men*, ossija is-soċjetà rikorrenti, tħallset għas-servizz li kienet tat għall-perijodu qabel il-18 ta' April 2019 u ċioé id-data li fiha il-catamaran "*St John Paul II*" ġie dikajarat "*excepted ship*". Jekk huwa hekk, u jidher li huwa hekk għax is-soċjetà rikorrenti ma meritx lix-xhud fuq dan l-aspett, isegwi illi dak li qed jgħid hu huwa korrett. Mhux biss iżda la darba dawn id-danni jirriferixxu għall-perijodu anteċedenti l-iffirmar tal-kuntratt, allura, fi kwalsiasi każ, ma għandhom qatt jifformaw parti mid-danni reklamati mis-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u senjatament fil-paragrafu 45 tal-istess nota, taqbel ma' dan appena enunċjat.*

*L-istess jingħad a rigward tal-quantum attwalment dovut ai termini tat-tariffi. Huwa spjega, fil-paragrafu (5) tal-affidavit tiegħu, illi "*it-tariffi il-ġodda, u ċioé dawk kontemplati fl-Avviż Legali 253 tal-2012 bdew japplikaw mill-01 ta' Awwissu 2012 u għalhekk ma japplikawx għal perijodi qabel din id-data*". Ċertament illi anke f'dan ir-rigward Dr Vassallo huwa korrett għar-raġunijiet mogħtija supra. Fi kwalsiasi każ kull reklam li seta' sar għal perijodu anteċedenti id-data tal-kuntratt ma hiex sejra tiġi ikkonsidrata u allura dan l-aspett tal-problema lanqas ma jissusisti.*

*Wara li ta dawn l-ispjegazzjonijiet kollha Dr Vassallo ikkwantifika id-danni dovuti lis-soċjetà rikorrenti fl-ammont fuq indikat ta' Euro 876,012.*

*Twieled id-dritt ta' risarċiment għad-danni lis-soċjetà rikorrenti esattament għax l-Awtorità intimata naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet tagħha kif naxxenti mill-kuntratt.*

*Illi jidher li is-soċjetà rikorrenti taqbel ukoll illi id-diverġenza bejn il-partijiet dwar l-ammont pretiż u dak aċċettat (sia pure kondizzjonatament mill-Awtorità intimata) huwa dovut għall-fatt illi "*il-kalkoli tar-rikorrenti huma bażati fuq vjaġġi proġettati,

mentri tal-intimata huma bażati fuq vjaġġi li seħħew, abbażi tat-tagħrif li jkollha l-intimata biss u li l-kalkoli tar-rikorrenti bdew minn qabel daħal fis-seħħ il-kuntratt".

*Illi ġià ingħad illi il-kalkoli tas-soċjetà rikorrenti ma jistgħux jiġu ikkonsidrati għall-perijodu anteċedenti id-data tal-kuntrattt u dwar dan is-soċjetà rikorrenti taqbel.*

*Illi is-soċjetà rikorrenti tobjetta, però, illi l-eżerċizzju magħmul mill-Awtorità intimata u maħluf minn Dr Vassallo sar minn persuni* "li ma ġewx prodotti jixhdu, u għalhekk l-eżerċizzju magħmul minn dawn il-persuni ma setax jiġi kkontrollat mir-rikorrenti."

*Illi bir-rispett kollu, il-ġustizzja ma tistax issir u tidher li qed issir jekk ġudikant kellu jieħu id-deċiżjonijiet tiegħu hekk restrittivament.*

*Illi filwaqt li huwa veru illi il-persuni li ħejjew il-kalkolazzjoni tal-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti ma ġewx prodotti bħala xhieda mill-Awtorità intimata, hija il-fehma tal-Arbitru illi ma kien hemm xejn x'josta lis-soċjetà rikorrenti li titlob HI li tressaq dawn in-nies hija stess bħala xhieda. Tali talba għall-produzzjoni tagħhom kienet, fl-interess suprem tal-ġustizzja, tiġi akkolta.*

*Madanakollu, u indipendentement minn dan, ħa il-paternità tal-istess eżerċizzju matematiku Dr Vassallo innifsu u ma jidher li hemm ebda raġuni għala wieħed jista' jew għandu jiddubita mill-ġenwinità tal-istess kalkolazzjoni.*

*Illi l-Awtorità intimata, però, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, terġa' tirriduċi is-somma li għandha tiġi likwidata favur is-soċjetà rikorrenti billi mill-ammont likwidat mis-senior manager fi hdan id-direttorat tal-Portijiet fl-ammont ta' Euro 876,012 hija tissottometti illi attwalment l-ammont għandu jkun dak ta' Euro 768,985.*

*L-Awtorità intimata tagħmel dan billi mill-ammont ta' Dr Vassallo li jmur oltre id-data li daħal fis-seħħ il-kuntratt u ċioé mill-01 ta' Mejju 2011 sal-01 ta' Novembru 2012 hija naqqset dak l-ammont rappreżentanti l-imsemmi perijodu li ma jirrigwardax il-kuntratt.*

*Illi dan huwa perfettament korrett għax, kif ingħad supra, is-soċjetà rikorrenti ma għandhiex u ma jistax ikollha ebda dritt ta' kumpens għal żmien li fih ma kienx jesisti il-kuntratt.*

*Id-dokumenti esebiti mis-soċjetà rikorrenti (JF2 u JF3) li huma il-kalkoli għall-pretensjoni tagħha ma ġew b'ebda mod kontraddetti mill-Awtorità intimata u similment is-soċjetà rikorrenti ma ikkontestatx b'ebda mod il-kalkolazzjonijiet imressqa mill-Awtorità intimata f'dak li qal Dr Vassallo u f'dak li ġie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità.*

*Illi in vista tal-fatt illi l-Awtorità intimata, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, nientedimeno irriduċiet ukoll l-ammont li hi tħoss li, se mai, huwa likwidabbli lis-soċjetà rikorrenti, minn dak li kien ġie dikjarat mix-xhud tagħha stess – dejjem f'każ li it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti jiġu akkolti - l-Arbitru ħass in-neċessità li jinvita lis-soċjetà rikorrenti tagħti il-veduti tagħha limitatament fuq dan l-aspett tal-proċeduri, ossija dwar il-likwidazzjoni talvolta dovuta - b'dan illi ikun hemm ukoll risposta għall-istess nota ulterjuri mill-istess Awtorità.*

*Fil-fatt il-partijiet laqgħu l-invit li għamel l-Arbitru u s-soċjetà rikorrenti issottomettiet in-nota Replikatorja tagħha, u fiha hija iddikjarat illi hija qablet mas-sottomissjoni magħmula mill-Awtorità intimata illi il-perijodu rilevanti għall-komputazzjoni tad-danni huwa dak minn meta ġie iffirmat il-kuntratt u mhux qabel. Żiedet tgħid, is-soċjetà rikorrenti, illi, fl-eventwalità ta' esitu favorevoli għaliha, allura għandha issir riserva dwar danni ulterjuri illi sejrin jiġu subiti sakemm jiskadi l-perijodu tal-kuntratt u li mhux sejrin ikunu koperti fil-likwidazzjoni mill-esponenti.*

*Fil-paragrafu [5] ta' din in-nota saret riserva dwar l-ammont ta' €15,000 li ġew imnaqqsa mill-kalkoli tal-Awtorità intimata, meta, skont ma tissottometti l-istess Awtorità, ma inġabet ebda prova li is-soċjetà rikorrenti tassew irċeviet dak il-ħlas.*

*L-Awtorità intimata irrispondiet għal din in-nota ta' sottomissjonijiet u kwantu għal dan l-aħħar punt ta' €15,000 hija għamlet riferenza għal dak li xehed Dr Vassallo u kwantu għar-riserva li għandu jsir favur is-soċjetà rikorrenti dwar danni ulterjuri, issottomettiet illi kwalunkwe danni li jmorru oltre id-data tal-presentata tal-istess talba bil-miktub, inkluż ir-riserva li saret mis-soċjetà rikorrenti, imorru lil hinn mill-iskop ta' dan l-Arbitraġġ.*

*Illi kwantu għall-ammont ta' €15,000 fil-fatt Dr Vassallo ma jgħidx li din is-somma tħallset lis-soċjetà rikorrenti u minflok jgħid, onestament mal-ġurament li kien ħa, illi ma jafx jekk attwalment tali ħlas ġiex effettwat. Is-soċjetà rikorrenti, fin-nota replikatorja tagħha, tiċħad li irċeviet dan il-pagament.*

*Illi, kif ġià ġie dikjarat aktar 'l fuq, hemm qbil bejn il-partijiet illi kwalsiasi reklam dwar ammonti li jmorru lil hinn mid-data tal-kuntratt, u ċioé qabel ma daħal fis-seħħ il-ftehim, ma jistgħux jiġu ikkonsidrati f'dan l-arbitraġġ. Dan mhux qed tgħidu biss l-Awtorità intimata iżda qed taqbel miegħu, lealment, is-soċjetà rikorrenti.*

*Il-ftehim huwa datat l-01 ta' Novembru 2012 u kwindi kwalsiasi likwidazzjoni trid issir minn dik id-data 'l quddiem.*

*Huwa risaput illi mhux konċepibbli illi l-Imhallef/Arbitru jista' jmur oltre id-data tal-presentata tal-atti għax kwalsiasi reklam minn dik id-data 'l quddiem jista' jkun il-*

*mertu ta' proċedura oħra. Għalhekk il-perijodu massimu li jista' jiġi ikkonsidrat f'dawn il-proċeduri, u dak li ġie attwalment ikkonsidrat mis-sottoskritt, huwa dak bejn id-data tal-firma tal-ftehim u id-data tal-presentata tal-proċeduri u ċioé bejn l-01 ta' Novembru 2012 u 31 ta' Lulju 2019, u ċioé id-data tal-presentata tal-proċeduri odjerni.*

*Isegwi allura illi mill-ammont reklamat mis-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €1,065,177 u dak ritenut, mill-Awtorità intimata, li jista', se mai, ikun dovut lis-soċjetà rikorrenti, u ċioé l-ammont ta' €875,012 l-esponenti iħoss li huwa għandu jirriduċi dik il-figura li taqa' barra mill-parametri tal-firma tal-kuntratt u d-data tal-presentata tal-proċeduri odjerni u meta isir dan l-eżerċizzju, jidher, salvo dejjem xi żball matematiku li seta' ikkometta l-Arbitru, illi is-somma attwalment dovuta mill-Awtorità intimata lis-soċjetà rikorrenti hija dik ta' seba' mija ħamsa u tletin elf ħames mija u tmien Ewro u sebgħin ċenteżmu (€735,508.70).*

*Qed jiġi riservat favur is-soċjetà rikorrenti id-dritt biex titlob kwalsiasi somma oħra li tista' tirriżulta talvolta dovuta lilha mill-istess Awtorità intimata għall-perijodu mid-data tal-presentata ta' dawn il-proċeduri u ċioé mill-01 ta' Awwissu 2019 sal-01 ta' Novembru 2022, data tal-iskadenza tal-kuntratt - salv dejjem li l-istess kuntratt ma jiġix terminat qabel ai termini u raġunijiet stipulati fl-istess ftehim."*

## L-Appell

6. L-Awtorità appellanta ħasset ruħha aggravata bid-lodo arbitrali u interponiet appell fil-21 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar il-lodo arbitrali, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha u tiċħad it-talbiet kollha tal-Koperattiva appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra din tal-aħħar. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Arbitru għamel interpretazzjoni ħażina tal-kuntratt viġenti bejn il-partijiet.

**Ir-Risposta**

7. Il-Koperattiva appellata wieġbet fit-3 ta' Frar, 2022 fejn sostniet li lodo arbitrali huwa wieħed ġust u ineċċepibbli, u għaldaqstant għandu jiġi kkonfermat fl-intier tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tikkonsidra l-ewwel sottomissjoni tal-Koperattiva appellata fir-rigward tal-inammissibiltà tal-appell odjern, liema sottomissjoni jekk tinstab li hija valida għandha ġġib fix-xejn l-imsemmi appell. Tirrileva li skont l-art. 13.3 tal-ftehim iffirmat fl-1 ta' Novembru, 2012, bejn il-partijiet, u li kopja tiegħu tinstab annessa bħala Dok. A mat-Talba tal-Koperattiva appellata, fejn l-imsemmija partijiet jonqsu milli jsibu soluzzjoni għal kull vertenza ta' bejniethom permezz tal-medjazzjoni, l-istess vertenza għandha tiġi riżolta permezz tal-proċedura tal-arbitraġġ skont kif jipprovdi l-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Is-subartikolu 70A(1) tal-Kap. 387 jipprovdi li kull parti f'proċeduri tal-arbitraġġ tista' tappella lil din il-Qorti minn deċiżjoni arbitrali fuq punt ta' liġi, u b'hekk huwa ċar li kull appell li ma jsegwiex dak rikjest mis-subartikolu msemmi huwa inammissibbli.

10. Fil-każ odjern il-Qorti tikkonsidra li għandha qabel xejn tinvestiga dak li ġie deċiż fil-lodo arbitrali dwar il-kwistjoni li qegħda titressaq mill-Awtorità appellanta quddiemha. Tibda billi tirrileva li l-Arbitru għaraf li l-azzjoni tal-

Koperattiva appellata kienet imsejsa fuq il-ftehim tal-1 ta' Novembru, 2012, li kien jikkostitwixxi 'il-liġi' bejn il-partijiet, u li permezz ta' Annex 1 kien hemm patwit fejn għandhom jiġu reżi s-servizzi mis-*'service provider',* ossija l-Koperattiva appellata. Fehem li skont il-kundizzjoni 3.7 ta' dak il-ftehim, is-servizz kellu jingħata anki fl-assenza ta' bdot kif ukoll ta' kaptan. Qal li dan il-ftehim kien ġie ffirmat sussegwenti għall-promulgazzjoni tal-A.L. 253 tal-2012, u l-Arbitru għadda sabiex iddikjara li għalhekk il-partijiet *"... kienu konsapevoli tal-Avviż Legali, riedu li is-servizzi tas-soċjetà rikorrenti jingħataw anke fl-assenza tal-bdott u addirittura anke fl-assenza kemm tal-bdot kif ukoll tal-kaptan. Fi ftit kliem allura ċertament illi l-interpretazzjoni li qed tagħti l-Awtorità intimata, bir-rispett kollu, ma hijiex korretta".* Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta li l-lodo arbitrali b'mod indisputabbli jittratta interpretazzjoni tal-kuntratt, ħaġa li mhijiex ikkontestata mill-Awtorità appellata, u din tgħid li tali interpretazzjoni ma saritx fid-dawl tal-A.L. 253 tal-2012, u għaldaqstant tikkostitwixxi punt ta' liġi li minnu hija għandha dritt ta' appell quddiem din il-Qorti. Tikkontendi li din il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-kuntratt għandha tiġi meqjusa bħala punt ta' liġi, għaliex kif wara kollox osserva l-Arbitru, *"huwa [il-Kuntratt] li jorbot lill-partijiet u kwindi dan huwa il-"liġi" ta' bejniethom".* Din il-Qorti madankollu tgħid li dan l-argument tal-Awtorità appellanta huwa wieħed fallaċi għal kollox u ma jistax jirnexxi, għaliex il-fatt li skont is-subartikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li kuntratt għandu s-saħħa ta' liġi għall-kontraenti, ma jfissirx li b'hekk skont is-subartikolu 70A(1) tal-Kap. 387 suriferit, il-partijiet għandhom dritt li jinterponu appell minn kull interpretazzjoni tiegħu. Din ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li permezz tad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ried iqiegħed b'mod ċar il-parametri li fihom jista' jsir appell

minn lodo arbitrali. Dan billi ngħata biss dritt ta' appell fejn tqum kwistjoni dwar l-interpetazzjoni tal-liġi, iżda mhux ta' interpretazzjoni ta' ftehim bejn il-partijiet, fejn il-Qorti saħansitra mbagħad tikkonsidra l-mertu tal-vertenza.

11. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-appell odjern huwa inammissibbli.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara li l-appell tal-Awtorità appellanta huwa irritu, u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-Awtorità appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**